VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

27 ta' Mejju, 2014

ATT Nru. XVII tal-2014

ATT biex jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, sabiex jipprovdi għar-reġistrazzjoni ta' eletturi li jkunu persuni li jkunu għalqu l-età ta' sittax-il sena.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar Elezzjonijiet Ġenerali, u dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 354.

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "ikun hemm distretti." għandhom jidħlu l-kliem "ikun hemm distretti:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda r-Reġistru Elettorali pubblikat fl-għamla li jinqasam f'taqsimiet daqskemm ikun hemm lokalitajiet għandu jkollu Anness li juri r-reġistrazzjoni ta' eletturi li jkunu għalqu s-sittax il-sena iżda ma jkunux għalqu t-tmintax il-sena fl-elezzjoni tal-2015 'il quddiem ta' Kunsilli Lokali jew ta' Kumitati Amministrattivi.".

A 326

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 151 tal-20 ta' Mejju, 2014.

ANĠLU FARRUĠIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati